# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 18**

**Avviz numru 785/96/SM**

**Mary Littlejohn**

**vs**

**Tarcisio Mifsud**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 t'Awissu ta' l-1996 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Jezegwixxi t-tiswijiet kollha mehtiega fil-fond tieghu, jew minnu amministrat, jew li hu responsabbli ghalih, adjacenti ghal dak tal-attrici u bin-numru 63, kif ukoll dawk it-tiswijiet li huma mehtiega fil-fond tal-attrici f'numru 62, Triq Antonio Bosio, l-Imsida, u minnu kkawzati lill-attrici billi ppermetta illi**

**jippenetra ilma fil-fond taghha minn fuq il-bejt tal-fond tieghu fuq imsemmi, u billi fl-istess fond ghandu hsara fil-komunikazzjoni tal-ilma u tad-dranagg fil-kamra tal-Banju tal-attrici. Fil-kaz li l-konvenut jonqos, il-qorti hija mitluba tawtorizza lill-attrici taghmel hija dawk it-tiswijiet kollha mehtiega a spejjez tal-konvenut li ghall-fini tal-kompetenza qed jigi dikjarat li dawn ma jeccedux il-elf lira Maltin (Lm1000);**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-26 ta' Marzu ta' l-1996, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 ta' Settembru ta' l-1996 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-konvenut m'ghandu ebda kontroll fuq il-perkolazzjoni tal-ilma allegata;**

**2. Illi l-bejt kontrollat mill-eccipjent huwa miksi bil-"membrane" u l-ilma qed jidhol minn appogg li ghad li l-konvenut dejjem ried jibdel ma setghax peress li iben l-attrici bena kamra;**

**3. Illi mhux minnu li l-eccipjent ghandu hsara fil-komunikazzjoni tal-ilma jew tad-dranagg fil-kamra tal-banju.  Kull ma kien hemm kien 'pipe' tal-ilma li malli nqasam gie msewwi;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-8 ta' Novembru ta' l-1996 li permezz tieghu gie nominat espert tekniku l-perit David Pace;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluz l-affidavit ta' l-attrici;**

**Ezaminat ir-realzzjoni peritali pprezentata fl-atti ta' din il-procedura fit-12 ta' Gunju tas-sena 2001;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonisdrat:**

**Illi din il-qorti m'hix f'posizzjoni hlief li tikkonferma u taghmel taghha l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-abbli perit tekniku nnominat;**

**Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tordna lill-konvenut jezegwixxi t-tiswijiet kollha mehtiega kif mitlub mill-attrici fi zmien xaharejn millum, u fin-nuqqas l-attrici hi awtorizzata tezegwixxi t-tiswijiet kollha necessarji a spejjez tal-konvenut, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**